# Minjatura tal-Enimmi

Stefano Farrugia

Qatra wara qatra, id-dmugħ iġelben
Mal-wied tal-ħajja għatxana għal elf għaliex,
Iterraq solitarju f'baħħ il-ħemda,
Jitkagħweġ f'ħalq in-nar li ma ntefiex,

U d-dmugħ iroddli l-karba mat-tifkira,
Joftomni mill-arterji marradin
Tal-ġisem-dinja, mejjet u bla sura
W għajnejja tqal iħarsu bajdanin

Lejn l-ibħra, li jkellmuni fis-silenzju,
Jgħarrfuni bit-tniġġis ta' ruħ l-għawwiem
Li niżel jogħdos f'ħajtu misterjuża
U sab fit-trab ix-xejn li mlieh bis-sliem.